**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-12 ta' Novembru 2019 – SC Panavitrans SRL vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj**

**(Kawża C-828/19)**

(2020/C 201/04)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC Panavitrans SRL

*Konvenuti:* Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj, Administrația Fondului pentru Mediu

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, għar-rimbors ta' taxxa li fir-rigward tagħha ġie stabbilit li tmur kontra d-dritt [tal-Unjoni], tistabbilixxi terminu ta' dekadenza iqsar mit-terminu ta' preskrizzjoni ġenerali fid-dritt nazzjonali għal kwistjonijiet ta' krediti fiskali?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație şi Justiție (ir-Rumanija) fid-19 ta' Novembru 2019 – Proċeduri kriminali kontra NC**

**(Kawża C-840/19)**

(2020/C 201/05)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație şi Justiție

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

NC

**Il-parti l-oħra fil-kawża:**

Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație şi Justiție – Direcția Națională Anticorupție

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE u l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ([1]), adottata abbażi tal-Artikolu 83(2) TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li *jipprekludu deċiżjoni meħuda minn korp estern għall-poter ġudizzjarju, il-Curtea Constituțională a României (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija), li timponi l-eżami mill-ġdid ta' kawżi ta' korruzzjoni li ġew deċiżi matul perijodu speċifiku u li jinsabu fl-istadju tal-appell, minħabba li l-kulleġġi ġudikanti li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam ma kinux ikkostitwiti fil-livell tal-qorti suprema, minkejja li l-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin li kienu jagħmlu parti minn [dawn il-kulleġġi ġudikanti] hija rikonoxxuta?*

2) L-Artikolu 2 TUE u [t-tieni paragrafu ta]l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens *li jipprekludu l-konstatazzjoni, minn korp estern għall-poter ġudizzjarju, tal-illegalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti ta' awla tal-qorti suprema (kulleġġi komposti minn imħallfin fil-kariga li, fil-mument tal-promozzjoni tagħhom, kienu jissodisfaw b'mod partikolari r-rekwiżit ta' speċjalizzazzjoni meħtieġ għall-promozzjoni fil-qorti suprema)?*